A.L. --- tal-2023

**ATT DWAR IL-PROTEZZJONI TAL-AMBJENT**

**(KAP. 549)**

**Regolamenti tal-2023 dwar Qafas għall-Iskart tal-Kostruzzjoni u tad-Demolizzjoni**

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 54 u 55 tal-Att dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent, il-Ministru responsabbli għall-ambjent wara konsultazzjoni mal-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi, għamlet dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

**Titolu u għan.**

**1.** (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti huwa r-Regolamenti tal-2023 dwar Qafas għall-Iskart tal-Kostruzzjoni u tad-Demolizzjoni.

**L.S. 623.08.**

(2) L-għan ta' dawn ir-regolamenti huwa li jistabbilixxu qafas sabiex jirregola l-ġestjoni tal-iskart li jirriżulta minn attivitajiet ta' demolizzjoni, skavar u kostruzzjoni. Dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu flimkien mar-Regolamenti dwar il-Ġestjoni tas-Siti tal-Kostruzzjoni.

(3) L-Awtorità tista' toħroġ linji gwida jew kriterji sabiex tipprovdi informazzjoni, gwida jew timponi restrizzjonijiet sabiex dawn ir-regolamenti jiġu implimentati aħjar.

(4) Biex jiġu implimentati dawn ir-regolamenti, l-Awtorità tista' titlob informazzjoni minn kwalunkwe entità pubblika u minn kwalunkwe attur skont l-irwol tiegħu kif deskritt fir-regolament 3.

**Tifsir.**

**2.** F'dawn ir-regolamenti, sakemm ir-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra:

**Kap. 552.**

"applikazzjoni" tfisser kwalunkwe forma ta' applikazzjoni magħmula lill-Awtorità tal-Ippjanar skont l-Att dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp;

**L.S. 552.13.**

"applikazzjoni għal proġett kbir" tfisser kwalunkwe applikazzjoni elenkata fi Skeda 1 tar-Regolamenti dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp (Proċedura ta' Applikazzjonijiet u d-Deċiżjoni Relattiva);

**Kap. 549.**

"Att" tfisser l-Att dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent;

**Kap. 552.**

"avviż ta' bidu" għandu jkollha l-istess tifsira mogħtija lilha fl-artikolu 2 tal-Att dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp;

**Kap. 549.**

"awtorità" jew "awtorità kompetenti" tfisser l-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi mwaqqfa bl-artikolu 6 tal-Att;

**Kap. 552.**

"Awtorità tal-Ippjanar" tfisser l-Awtorità tal-Ippjanar mwaqqfa bl-artikolu 5 tal-Att dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp;

**Kap. 623.**

"demolizzjoni" għandu jkollha l-istess tifsira mogħtija lilha fl-artikolu 2 tal-Att dwar l-Awtorità tal-Bini u l-Kostruzzjoni;

**Kap. 552.**

"klijent" jew "żviluppatur" tfisser il-persuna li f'isimha ġiet sottomessa l-applikazzjoni għal permess għall-iżvilupp skont id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp, jew skont id-dispożizzjonijiet ta' regolamenti magħmula bis-saħħa tiegħu.

**Kap. 623.**

"kostruzzjoni" għandu jkollha l-istess tifsira mogħtija lilha fl-artikolu 2 tal-Att dwar l-Awtorità tal-Bini u l-Kostruzzjoni;

**L.S. 623.08.**

"manager tas-sit" għandu jkollha l-istess tifsira mogħtija lilha fir-regolament 3 tar-Regolamenti dwar il-Ġestjoni tas-Siti tal-Kostruzzjoni;

**Kap. 623.**

"sit" għandu jkollha l-istess tifsira mogħtija lilha fl-artikolu 2 tal-Att dwar l-Awtorità tal-Bini u l-Kostruzzjoni;

**Kap. 623.**

"skavar" għandu jkollha l-istess tifsira mogħtija lilha fl-artikolu 2 tal-Att dwar l-Awtorità tal-Bini u l-Kostruzzjoni;

**Kap. 552.**

"żvilupp" għandu jkollha l-istess tifsira mogħtija lilha fl-artikolu 2 tal-Att dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp;

**L.S. 549.63.**

Il-kliem "rdim", "trasportatur", "ġbir", "skart tal-kostruzzjoni u d-demolizzjoni", "skart perikoluż", "irkupru ta' materjal", "preparazzjoni għal użu mill-ġdid", "irkpru", "riċiklaġġ", "użu mill-ġdid", "ġbir separat", "trattament", "skart" u "skart mhux perikoluż" għandu jkollhom it-tifsira mogħtija lilhom fir-regolament 4 tar-Regolamenti dwar l-Iskart.

**Responsabbilitajiet.**

**3.** Dawn ir-regolamenti ippreskrivu l-irwoli tal-atturi differenti involuti fl-industrija tal-kostruzzjoni u tad-demolizzjoni fir-rigward tal-ġestjoni tal-iskart:

(i) L-iżviluppatur jew kull min jaġixxi f'ismu, għandu jiżgura li l-miżuri għall-prevenzjoni u l-minimizzazzjoni tal-ġenerazzjoni tal-iskart ikunu integrati fi kwalunkwe żvilupp fl-istadju tad-disinn, u għandu jiżgura wkoll li kwalunkwe miżura bħal din tiġi implimentata matul il-ħajja tal-iżvilupp.

(ii) Il-klijent, l-iżviluppatur jew kull min jaġixxi f'ismu għandu jiżgura li t-twaqqigħ u l-iskavar isiru wkoll skont il-paragrafu 3(a) tar-Raba' Skeda tar-Regolamenti dwar il-Ġestjoni tas-Siti tal-Kostruzzjoni;

(iii) Il-kuntratturi ingaġġati mill-klijent jew l-iżviluppatur għandhom jiżguraw il-prevenzjoni u l-minimizzazzjoni tal-iskart matul l-attivitajiet kollha fis-sit. Il-kuntratturi għandhom jagħmlu sforz biex jisseparaw l-iskart fis-sors u jiżguraw li kwalunkwe ġbir u trasport ta' skart iġġenerat fuq il-post isir minn trasportaturi tal-iskart debitament awtorizzati;

(iv) It-trasportatur tal-iskart għandu jassigura li kull skart miġbur jiġi trasportat skont ir-regolamenti applikabbli, għal faċilitajiet awtorizzati skont ir-Regolamenti dwar l-Iskart. Għal dan il-għan, it-trasportatur tal-iskart għandu jipprovdi prova dokumentarja meta mitluba;

(v) Il-manager tas-sit għandu jaċċerta li kwalunkwe żvilupp isir skont dawn ir-regolamenti u li l-atturi involuti jaqdu l-irwoli tagħhom.

**Rekwiżiti tal-prodott.**

**L.S. 427.83.**

**4.** (1) Dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw flimkien mar-rekwiżiti stabbiliti skont ir-Regolament (UE) Nru 305/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta’ Marzu 2011 li jistabbilixxi kondizzjonijiet armonizzati għall-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti għall-bini u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 89/106/KEE, kif implimentat fil-livell nazzjonali permezz tar-Regolamenti dwar Prodotti tal-Kostruzzjoni (Implimentazzjoni).

**L.S. 549.63.**

(2) Skart li jkun għadda minn operazzjoni ta' riċiklaġġ jew ta' rkupru ieħor, huwa kkunsidrat li ma baqax jitqies bħala skart jekk ikun kiseb tmiem tal-istatus ta’ skart skont ir-regolament 6 tar-Regolamenti dwar l-Iskart.

**Ġestjoni ambjentalment sana tal-materjali tal-kostruzzjoni u tad-demolizzjoni u tal-iskart iġġenerat fuq il-sit.**

**L.S. 549.63.**

**5.** (1) Mingħajr preġudizzju għar-regolamenti 12 u 12A tar-Regolamenti dwar l-Iskart, l-atturi identifikati fir-regolament 3 għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji sabiex jassiguraw li kull skart iġġenerat waqt attivitajiet ta’ demolizzjoni, skavar u kostruzzjoni ikun ġestit b’mod ambjentalment san u skont il-ġerarkija tal-iskart kif stipulat fir-regolament 4A tar-Regolamenti dwar l-Iskart.

(2) Sabiex jiġu sodisfatti r-rekwiżiti stabbiliti fis-subregolament (1), l-atturi identifikati fir-regolament 3 għandhom skont l-irwol tagħhom, bħala minimu:

(a) jieħu l-miżuri meħtieġa biex jipprevjenu l-ġenerazzjoni ta' skart fl-istadji kollha tal-kostruzzjoni, sa fejn hu possibbli. Dawn l-istadji jinkludu iżda mhumiex limitati għad-disinn, id-demolizzjoni, l-iskavar, il-kostruzzjoni u l-irfinar;

(b) jipprijoritizza l-użu mill-ġdid kemm fuq is-sit kif ukoll barra mis-sit, ta' materjal skavat mhux kontaminat;

(ċ) jissepara l-iskart fis-sors skont ir-regolament 6 meta l-karatteristiċi speċifiċi tas-sit jippermettu;

(d) jassigura li kwalunkwe ġbir u trasport ta’ skart li jirriżulta minn attivitajiet ta’ demolizzjoni, skavar u kostruzzjoni jitwettaq permezz ta’ trasportatur tal-iskart li jkun awtorizzat;

(e) jikseb prova dokumentarja li l-iskart ġie trasferit f'faċilità li tkun awtorizzata li taċċetta tali skart. Għal dan il-għan, it-trasportatur tal-iskart għandu jipprovdi tali prova dokumentarja lill-iżviluppatur;

(f) jagħmel użu minn faċilitajiet jew impriżi debitament awtorizzati mill-Awtorità sabiex iwettqu t-trattament ta' skart ta' kostruzzjoni u demolizzjoni skont ir-Regolamenti dwar l-Iskart.

(3) Sabiex tassigura l-konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fis-subregolamenti (1) u (2), l-Awtorità tista' titlob lill-iżviluppatur jew lil kwalunkwe persuna li tkun qed taġixxi f'ismu sabiex jissottometti kwalunkwe informazzjoni u dokumentazzjoni dwar l-użu mill-ġdid ta' materjali xierqa u dwar il-ġestjoni tal-iskart iġġenerat matul l-attivitajiet imsemmija fis-subregolament (1).

(4) Sa mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar 2026, kwalunkwe applikazzjoni għal proġett kbir jew applikazzjoni għal żviluppi residenzjali ta' densità għolja li jservu sittax-il (16) unit jew aktar, għandhom ikunu akkumpanjati b'sottomissjoni ta' *pre-demolition audit*, qabel il-ħruġ ta' permess eżegwibbli. Il-*pre-demolition audit* għandu jkun fih l-informazzjoni inkluża fi Skeda 1 u għandu jsir minn perit bil-warrant jew minn konsulent ambjentali ikkwalifikat kif xieraq u approvat mill-awtorità kompetenti, u fil-format stabbilit mill-awtorità kompetenti.

**Separazzjoni u ħażna ta' materjal ta' kostruzzjoni u demolizzjoni u skart fis-sors.**

**L.S. 623.08.**

**6.** (1) Mingħajr preġudizzju għar-Regolamenti dwar il-Ġestjoni tas-Siti tal-Kostruzzjoni u fejn il-karatteristiċi speċifiċi tas-sit jippermettu, il-kuntrattur għandu jagħmel ħiltu sabiex jissepara l-materjali jew skart tad-demolizzjoni, skavar u kostruzzjoni fis-sors sabiex jiġu ffaċilitati l-użu mill-ġdid tal-materjali, u t-tħejjija għall-użu mill-ġdid, ir-riċiklaġġ u l-irkupru tal-iskart, inkluż iżda mhux limitat għal skart ta' frazzjonijiet minerali, metall, ħġieġ, injam u plastik.

(2) Meta l-karatteristiċi speċifiċi tas-sit ma jippermettux, materjali jew skart tad-demolizzjoni, skavar u kostruzzjoni jistgħu jiġu separati f'xi stabbiliment jew impriża debitament awtorizzata mill-Awtorità.

**L.S. 549.63.**

(3) Kwalunkwe skart perikoluż iġġenerat fuq is-sit għandu jkun ġestitr skont is-subregolament 14(2) tar-Regolamenti dwar l-Iskart.

(4) Sabiex jiġi ffaċilitat il-preparazzjoni għall-użu mill-ġdid, ir-riċiklaġġ u operazzjonijiet oħra ta' rkupru, l-iskart isseparat skont dan ir-regolament, m'għandux ikun imħallat ma' skart ieħor jew materjali oħra bi proprjetajiet differenti, inkluż matul l-istadju tal-ġbir tiegħu.

**Trattament ambjentalment san tal-materjali u l-iskart tal-kostruzzjoni u tad-demolizzjoni.**

**7.** (1) Skart tad-demolizzjoni, skavar u kostruzzjoni għandu jkun riċiklat jew inkella irkuprat fi stabbiliment jew impriża debitament awtorizzata mill-Awtorità.

(2) Għall-fini tal-ħarsien tal-ambjent u sabiex jiġi nkoraġġit riċiklaġġ ta' kwalità għolja, l-Awtorità tista' tistabbilixxi linji gwida addizzjonali dwar il-kwalità tal-iskart tal-kostruzzjoni u demolizzjoni għall-ġbir u t-trattament tiegħu.

**L.S. 549.63.**

(3) Kull persuna tista' tistabbilixxi u topera maħżen fejn intiż biex jiġi magħżul u maħżun materjal jew skart tal-kostruzzjoni u d-demolizzjoni qabel l-użu mill-ġdid eventwali, it-tħejjija għall-użu mill-ġdid, ir-riċiklaġġ jew għal operazzjonijiet oħra ta' rkupru jew rimi dment li jkollha permess maħruġ mill-Awtorità kompetenti.

**L.S. 549.65.**

(4) Kwalunkwe vjeġġ ta' skart tal-kostruzzjoni u d-demolizzjoni għandu jsir f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1013/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2006 dwar vjeġġi ta' skart u mar-Regolamenti dwar l-Immaniġġar tal-Iskart (Vjaġġi ta' Skart), u ma kwalunkwe liġi applikabbli oħra.

(5) L-Awtorità tista' tieħu miżuri biex tinkoraġġixxi stabbilimenti jew impriżi li jagħmlu operazzjonijiet ta' trattament ta' skart biex jintroduċu sistema ċċertifikata ta' ġestjoni ambjentali skont ir-Regolament (KE) 1221/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal- 25 ta' Novembru 2009 dwar il-parteċipazzjoni volontarja ta' organizzazzjonijiet fi skema Komunitarja ta' ġestjoni u verifika ambjentali (EMAS).

**Riabilitazzjoni ta' spazji skavati.**

**8.** (1) Riabilitazzjoni ta' spazju skavat għandu jsir biss jekk ikun debitament awtorizzat u bi skart li huwa kkunsidrat idoneu mill-Awtorità.

**L.S. 549.63.**

(2) Sabiex juri konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fis-subregolament (1), detentur ta' permess għall-irdim ta' spazju vojt maħruġ mill-Awtorità, għandu jissottometti dikjarazzjoni annwali mħejjija minn korp indipendenti flimkien mar-rapport annwali ppreparat u sottomess skont ir-regolament 33A tar-Regolamenti dwar l-Iskart.

**Miri ta' ġestjoni tal-iskart.**

**9.** (1) Sa mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar 2028, kull żviluppatur li jissottometti applikazzjoni mal-Awtorità tal-Ippjanar għal proġett kbir jew għal żvilupp residenzjali ta' densità għolja li jservi sittax-il (16) unit jew aktar għandu jieħu l-miżuri neċessarji biex jassigura li jintlaħqu l-miri li ġejjin għal kull żvilupp:

(i) Minimu ta' 40 % tal-materjal skavat għandu jerġa' jintuża jew jiġi rriċiklat;

(ii) Minimu ta' 40% skont il-piż ta' skart mhux perikoluż iġġenerat waqt attivitajiet ta' demolizzjoni għandu jiġi ppreparat sabiex jerġa' jintuża, jiġi riċiklat u/jew b'xi mod ieħor irkuprat eskluż l-irdim;

(iii) Minimu ta' 15% ta' materjal tal-kostruzzjoni użat għall-kostruzzjoni għandu jkun magħmul minn materjal użat mill-ġdid jew materjal riċiklat lokalment; u

(iv) Minimu ta' 25% tal-materjal granular użat għall-kostruzzjoni għandu jkun magħmul minn aggregati riċiklati lokalment. Is-sehem perċentwali tal-aggregati riċiklati użati għandu jikkontribwixxi għall-kisba tal-mira ta' 15 % għall-użu mill-ġdid u materjali riċiklati kif elenkati fil-paragrafu (iii).

(2) Fi żmien tliet (3) xhur mill-ħruġ ta' ċertifikat ta' konformità mill-Awtorità tal-Ippjanar, kull żviluppatur ta' kull żvilupp li jaqa' fl-iskop ta' dan ir-regolament, għandu jissottometti dikjarazzjoni li

tindika r-rata perċentwali milħuqa għal kull waħda mill-miri elenkati fis-subregolament (1) lill-awtorità kompetenti skont il-format stabbilit minnha.

**Żamma ta’ rekords.**

**10.** Dokumentazzjoni speċifikata fis-subregolamenti 5(2)(e) u 9(2) għandha tinżamm mill-iżviluppatur għal perjodu minimu ta’ ħames (5) snin wara l-ħruġ taċ-ċertifikat ta’ konformità u għandha tkun magħmula disponibbli fuq talba tal-awtorità kompetenti.

**Spezzjonijiet mill-awtorità kompetenti.**

**11.** (1) L-Awtorità kompetenti tista’ tagħmel spezzjonijiet sabiex tassigura li l-obbligi elenkati f’dawn ir-regolamenti jiġu osservati.

(2) Kwalunkwe attur relevanti għandu jżomm ir-rekords tal-operazzjoni tiegħu aġġornati skont dawn ir-regolamenti u jagħmilhom disponibbli għal kwalunkwe spezzjoni mill-awtorità kompetenti.

**Reġistru ta’ faċilitajiet operattivi u magħluqa.**

**12.** L-awtorità kompetenti għandha tistabbilixxi reġistru ta’ stabbilimenti u impriżi awtorizzati li jittrattaw materjal u/jew skart li jirriżulta mill-industrija tal-kostruzzjoni u d-demolizzjoni. Tali reġistru għandu jkun aġġornat perjodikament u disponibbli għall-pubbliku.

**Penali amministrattivi.**

**13.** (1) Kull żviluppatur li jonqos milli jilħaq il-miri speċifikati fir-regolament 9(1) għandu jkun soġġett għal penali amministrattiva kif speċifikat fi Skeda 2.

(2) Kull żviluppatur li jonqos milli josserva xi dispożizzjoni ta' dawn ir-regolamenti għandu jkun soġġett għal penali amministrattiva skont in-natura u s-severità tal-ksur, liema penali ma teċċedix erbgħin elf euro (€40,000).

**SKEDA 1**

***PRE-DEMOLITION AUDIT***

(Regolament 5(4))

Il-Pre-demolition audit għandu jinkludi:

1. identifikazzjoni tal-flussi kollha tal-iskart previżti li jiġu ġġenerati;

2. stima tal-kwantitajiet tal-flussi ta' skart identifikati;

3. liema materjali jistgħu jiġu sseparati fis-sors;

4. liema materjali mhumiex adattati għall-użu mill-ġdid jew għar-riċiklaġġ;

5. informazzjoni dwar il-ġestjoni tal-frazzjonijiet ta’ skart perikolużi u mhux perikolużi;

6. informazzjoni dwar il-possibbiltajiet ta' riċiklaġġ tal-iskart mid-demolizzjoni, skavar u l-kostruzzjoni;

7. stima tal-perċentwal (%) tal-materjal jew skart li jista’ potenzjalment ikun użat mill-ġdid jew riċiklat jew tal-iskart li ser jiġi ġġenerat; u

8. raġuni għall-ħtieġa li titwaqqa' l-istruttura eżistenti.

## SKEDA 2

## PENALI AMMINISTRATTIVA GĦAN-NUQQAS TA’ KSIB TA’ MIRI TA’ ĠESTJONI TAL-ISKART

(Regolament 9(1) u Regolament 13)

F'każ fejn l-iżviluppatur jonqos milli jilħaq il-miri, il-penali amministrattiva applikabbli għandha tiġi kkalkulata kif ġej:

(a) għall-miri speċifikati bil-partiti (i) u (ii) tar-regolament 9(1):

A = materjal totali jew skart iġġenerat, f'tunnellati
B = % mira
C = materjal attwali użat mill-ġdid jew skart ippreparat għall-użu mill-ġdid jew riċiklat, f'tunnellati
D = € 5 fil-każ ta' żvilupp residenzjali ta' densità għolja li jservi sittax-il (16) unit jew aktar; €3 għal proġett kbir

((A x B) - C) x D = penali applikabbli f’Euro

(b) għall-miri speċifikati fil-partiti (iii) u (iv) tar-regolament 9(1):

A = materjal tal-kostruzzjoni użat, f’tunnellati
B = % mira
C = materjal tal-kostruzzjoni attwali użat fl-iżvilupp li kien użat mill-ġdid jew riċiklat lokalment, f’tunnellati
D = €5 f’każ ta’ żviluppi residenzjali ta' densità għolja li jservu sittax-il (16) unit jew aktar; €3 għal proġett kbir
((A x B) – C) x D = penali applikabbli f’Euro